MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 71/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur V. Aquilina)**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**
**Vs**
**Raymond Abela**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :**
1) f'xi hin matul il-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Frar, 2005, f'Hal-Balzan, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq mill-hanut "Martin's Video Centre" sitwat fi Triq il-Birbal, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u, li kieku sehh, kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, hin, u valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) ghad-detriment ta' Kevin Pisani;

2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Hal-Balzan, ikkommeta serq ta' somma flus ta' LM5.50 mill-hanut "Martin's Video Centre" fi Triq il-Birbal, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u hin u li sar ghad-detriment ta' Kevin Pisani;
3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
4) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-hamsin Lira Maltin (LM50) izda mhux il-hames mitt Lira Maltin (LM500) u dan ghad-detriment ta' l-istess Kevin Pisani;
5) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Hal-Balzan, wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, nstab fil-pussess ta' imfietah, imqabblin jew iffalsifikati jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew forom ta' serraturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinstabu ghandu f'dan iz-zmien;
6) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Hal-Balzan, attakka jew ghamel rrezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 1012 Andrew Muscat, PC 846 Victor Grech, PS 1043 Frankie Pace u PC 643 Jesmond Delicata, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, f'waqt li kienu jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
7) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkaguna offiza fuq il-persuna ta' PC 1012 Andrew Muscat u PC 643 Jesmond Delicata, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;
8) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixklu waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd,

indahal fi dmiru billi ma hallix lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew seta' jaghmel;
9) matul dawn l-ahhar xhur, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, saq vettura mhux licenzjata mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku jew mill-Kummissarju tal-Pulizija w meta ma kienx kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni ghar-riskji tat-terzi persuni;
10) fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 08.06.2003, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;
11) talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Marzu, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 41, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(1)(2)(3), 261(b)(f), 263, 264, 270, 278(1)(2), 325(1)(c), 287, 96, 95(1), 338(ee), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 3(1)(1A)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minn tali akkuza izda sabitu hati tal-akkuzi l-ohra kollha w ikkundannatu ghal piena ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija. Dwar l-ghaxar akkuza, u cioe' is-sentenza tat-8 ta' Gunju, 2003 iddikjarat li l-imputat kiser il-kondizzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, wara li rat l-artikoli 28B u 28C tal-Kodici Kriminali ordnat li s-sentenza sospiza tibda sehh u ghalhekk ikkundannat lill-imputat ghal piena ta' sentejn prigunerija. Il-perjodu totali ta' prigunerija li jrid jiskonta l-imputat hu ta' tlett snin u sitt xhur. Ordnat ukoll is-sospensjoni tal-licenzja tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' sena. Dan il-perjodu ghandu jibda jiddekorri immedjatament wara li jiskonta l-piena tieghu ta' prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Marzu, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma l-htija ta' l-akkuzi kollha, izda tirriforma s-sentenza appellata billi taghti piena aktar gusta w ekwa.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni eccepiet preliminarjament in-nullita' tar-rikors tal-appell in vista tal-fatt li ma saritx it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza w li l-appellant ma tax garanzija kif kien obbligat li jaghmel skond l-artikolu 416 (1) tal-Kodici Kriminali, li jidher ghal kull att tal-kawza quddiem din il-Qorti.

**Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni fil-kors tal-istess seduta.**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-Avukat tal-appellant Dr. Malcolm Mifsud fejn qal illi meta hu w l-appellant kienu hargu mill-Awla tal-Qorti tal-Magistrati immedjatament wara li nghatat is-sentenza appellata, l-appellant kien tah istruzzjonijiet verbali biex ma jappellax u kien biss wara tmiin tijiem u cioe' fl-ahhar gurnata meta setgha jigi ntavolat l-appell li l-appellant kien cempillu w talbu jipprezenta l-appell odjern.**

**Ikkonsidrat;**

Illi mhux kontestat li – kif del resto jirrizulta mill-atti processwali w mid-dikjarazzjoni maghmula mid-difensur tal-appellant fuq riprodotta - fid-data tas-sentenza ma ntalbitx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-Ewwel Qorti w li ergo ma giet imposta mill-Ewwel Qorti ebda garanzija fuq l-appellant biex hu jkun jista' jappella w inqas u inqas ma nghatat xi garanzija simili mill-appellant. Anzi mehmuza mall-ahhar faccata tal-process hemm fotokopja tal-formola intestata **"Dokument Biex Persuna Tinzamm il-Habs**", li solitament tintela' mid-Deputat Registratur tal-Awla w tinghata lill-Pulizija li jkunu ser jeskortaw lill-hati lejn il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex jibda jiskonta s-sentenza tieghu. Din il-fotokopja li ggib id-data tat-8 ta' Marzu, 2005 ossia d-data tas-sentenza appellata, tghid li "*l-individwu hawn taht imsemmi huwa mibghut biex jinzamm il-habs"* u tkompli biex fuq il-formola taghti l-generalita' tal-appellant odjern u d-dettalji ta' l-

Ewwel Qorti li ssentenzjatu ghal tlitt snin u nofs prigunerija.

**Kollox ghalhekk jindika li l-appellant kien akkwiexxa ghas-sentenza appellata w addirittura beda jiskonta s-sentenza ta' tlitt snin u nofs prigunerija lilu erogata mill-Ewwel Qorti.**

**Kien umbaghad fis-16 ta' Marzu, 2005, tmint ijiem wara , li gie prezentat ir-rikors tal-appell. Mhux car mill-process jekk l-appellant wara dar-rikors baqax il-habs jew inhelisx.**

**Ikkonsidrat ;**

**Illi dejjem gie ritenut li t-twaqqif tal-esekuzzjoni jinqala' b'talba *ad hoc* li ssir lill-Ewwel Qorti w l-Ewwel Qorti , meta tilqa' t-talba timponi l-garanzija li hija kondizzjoni *sine qua non* ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu fuq citat li jghid espressament li it-talba tigi milqugha** "KEMM IL-DARBA **(il-persuna)** TAGHTI GARANZIJA TAJBA**".**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Mario Mifsud**"** **[5.5.1994] :-**

***"Kwantu ghall-pregudizzjali tan-nullita' u irritwalita' tal-appell minhabba il-mankanza tat-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali , jidher li l-gurisprudenza pparifikat tali mankanza mal-akkwiexxenza , liema akkwiexxenza hija in konflitt mall-volonta' li wiehed jappella* (ara** Il-Pulizija vs. Moses Bugeja u Edward Grech**, App.Krim. [28.1.94];** Il-Pulizija vs. Frangisk Borg **" ,[18.1.41] ; Vol. XXXIII.iv.391 u l**-Pulizija vs. Alfred Ancilleri u John Cauchi."

**u aktar 'l isfel fl-istess sentenza dik il-Qorti ziedet tghid :-**

***"wahda mill-karatteristici tal-process penali fis-sistema taghna huwa , illi kif appena tinghata sentenza , hlief jekk ikun hemm previst mod iehor fl-istess sentenza jew x'imkien iehor fil-ligi, dik is-sentenza ghandha tigi esegwita immedjetament."***

**L-istess principju gie ribadit fl-appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Karl Gialanze" **[17.5.94.] u "**Il-Pulizija vs. Francis Micallef" **[5.7.94] , "**Il-Pulizija vs. Francis Scicluna" **[20.1.95] u** "l-Pulizija vs. Carmel Attard**" [30.6.95] .**

**Illi fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. George Cefai" **[23.4.1997] din il-Qorti diversament preseduta kienet irriteniet li t-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza ghandha ssir immedjetament wara li tinghata s-sentenza. Dik il-Qorti kienet irriferiet ghall-artikolu 665 tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment li :-**

**"*Bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 28A (li jirrigwardaw sentenzi ta' prgunerija sospizi )u d-dispozizzjonijiet ta' dan il-Kodici dwar il-hlas ta' pieni ta' flus,*** *KULL DECIZJONI GHANDHA TIGI ESEGWITA MINNUFIEH LI TINGHATA."* **(Emfasi ta' din il-Qorti)**

**Umbaghad irriferiet ukoll ghall-artikolu 416 (1) tal-istess Kodici li jghid testwalment li :-**

*"persuna misjuba hatja ...tista' , meta tiddikjara imqar bil-fomm, li trid tappella mis-sentenza , taqla mill-Qorti nferjuri t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza ...."*

**Dik il-Qorti kienet validament argumentat li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet moqrijin flimkien , necessarjament ifissru li biex it-talba ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza tkun tista' tigi milqugha , jehtieg li tigi maghmula immedjetament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b'dan il-mod biss tista tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza skond l-artikolu 665 citat . Dik il-Qorti umbaghad marret oltre u ddijarat ukoll li it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza maghmula**

**sitt ijiem wara s-sentenza ma setghetx tigi akkolta bil-ligi , ghax sadattant is-sentenza suppost li kienet gja giet esegwita w li meta l-Ewwel Qorti kienet laqghet it-talba maghmula tardivament ma kienetx kompetenti li tilqaghha w ziedet tghid :-**

*"Di fatti wara li s-sentenza tkun giet in esekuzzjoni il-Qorti ma jkollha ebda setgha fuq dik l-esekuzzjoni , hlief li tiddisponi dwar il-mod tal-hlas tal-pieni pekunjarji. Ghalhekk l-akkoljiment mill-Ewwel Qorti tat-talba ta' l-appellant ghas-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza appellata , kien null u bla effett fil-ligi . Bhala konsegwenza l-esekuzzjoni ta' dik is-sentenza ma setghetx tigi sospiza , b'mod allura li l-appellant ma setax jappella."*

**Illi din il-Qorti kif preseduta u kif gja rriteniet fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Victor Vella" **[6.1.2003] taqbel perfettament ma dan ir-ragunament u tirritjeni li bil-fatt li l-appellant odjern , ma deherlux li kellu jiddikjara li jrid jappella , immedjetament wara li inghatat is-sentenza, kien inghata bidu effettiv ghall-esekuzzjoni tas-sentenza mill-appellant.**

**Ghal dawn l-motivi u fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, din il-Qorti tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------